# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Tlieta, 16 ta' Lulju 2019**

**Kawza Numru : 29**
**Rikors Guramentat Numru : 364/2019/LSO fl-ismijiet :**

**Carmel Callus ID 31339M**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Carmel Callus ID 31339M datat 11 ta' April 2019 fejn espona bir-rispett u bil-gurament tieghu jikkonferma li jaf is-segwenti fatti pesonalment:

Illi l-esponenti huwa t-tifel ta' **Caterina Callus**, armla ta' Joseph Callus, u bint Giovanni Tedesco u Anna nee Spiteri li mietet Malta fit-2 ta' Frar 2019 u li kienet twieldet fit-12 ta' Settembru 1917 kif jidher mill-kopja tal-att tat-twelid Dok A .

Illi bi zvista d-dettalji ta' omm id-decujus Caterina Callus gew indikati hazin fl-istess att ta' twelid, kopja Dok A, specifikament fil-kolonna intestata *Taghrif dwar l-Omm (tat-tarbija)* billi omm id-decujus kien jisimha **Anna** u mhux Caterina kif indikat fl-istess kolonna.

Illi dan iz-zball jirrizulta kemm mill-att ta' twelid ta' Anna Spiteri, numru progressiv 3409 tas-sena 1895, estratt ezebit bhala Dok B, fejn jirrizulta li twildet fit-8 ta' Awwissu 1895 u isimha huwa indikat bhala "Anna,” kif ukoll mill-kopja tal-att taz-zwieg tal-istess Anna Spiteri, numru progressiv 1140 tas-sena 1916, estratt ezebit bhala Dok C fejn ukoll hija indikata bhala Anna u li zzewget lil Giovanni Tedesco, fit-28 ta' Awwissu 1916, u dawna huma l-genituri tad-decujus Caterina Callus, nee Tedesco.

Illi peress illi z-zball fl-att tat-twelid ta' Caterina Callus nee Tedesco huwa fl-isem ta' wiehed mill-genituri taghha, ma tistax issir il-procedura quddiem il-Qorti ta' Revizjoni ta' Atti Notarili taht l-Artiolu 257 Kap 16 in kwantu tali zball mhux inkluz fil-lista fl-iskeda, Taqsima III aness mal-Kodici Civili.

Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant u prevja kull dikjarazzjoni opportuna, l-esponenti jitlob bir-rispett illli din il-Qorti ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

1. Tiddikjara li sar zball fl-att ta' twelid ta' Caterina Tedesco bin-numru progressiv 4699 tas-sena 1917;

2. Tordna, kif awtorizzata bl-Artiklu 253(1) Kap 16, li ssir korrezzjoni billi jsir it-tibdil u korrezzjoni fil-kolonna ta' Taghrif dwar l-Omm fic-certifikat tat-twelid ta' Caterina Tedesco numru progressiv 4699 tas-sena 1917 biex l-ewwel isem ta' ommha jigi indikat bhala **Anna**.

Bl-ispejjez kontra l-intimat ngunt minn issa in subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-11 ta’ Gunju 2019.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 9 ta’ Mejju 2019 (fol 13) fejn l-Avukat Neil Harrison ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess Direttur bil-gurament tieghu ddikjara u kkonferma:-

1. Illi l-esponent jiddikjara li ma huwiex edott mill-fatti kif prezentati fir-rikors guramentat;

2. Illi l-esponent ma jsibx oggezzjoni ghal korezzjoni fl-Att tat-Twelid ta' Caterina Callus, bin-numru progressiv 4699

tas-sena 1917 u dan kif mitlub mir-rikorrent fir-rikors guramentat;

3. Illi l-esponent jeccepixxi illi l-azzjoni tar-rikorrenti m'hijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent, dan kif proprju jixhed l-Att tat-Twelid, kif anness u mmarkat mar-rikors guramentat bhala 'Dok A'. F'dan l-Att jidher car illi l-persuna li ddikjarat l-informazzjoni li tinsab fl-istess Att kien proprju Giovanni Tedesco. Is-Sur Tedesco kien il-persuna li kkonferma l-informazzjoni permezz tal-firma tieghu stess. Ghaldaqstant, l-esponent m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qieghed jigi ingunt in subizzjoni

Rat il-verbal tas-seduta tal-Hamis, 20 ta' Gunju 2019 fejn meta ssejhet il-kawza deher ir-rikorrent assistit minn Dr Eve Borg Costanzi. Deher Dr Julian Vella ghad-Direttur Registru Pubbliku. Id-difensuri ddikjaraw li m'ghandhomx provi ulterjuri u ddikjaraw li l-kawza tista' tibqa' ghas-sentenza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-16 ta' Lulju 2019 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din il-kawza qed issir *ai termini* tal-**artikoli 253 *et sequens* tal-Kodici Civili** li jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta' ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** saret debitament fit-22 ta' April 2019 (fol 6).

Illi r-rikorrent qed jitlob li jigi korrett l-att tat-twelid ta' ommu Caterina Tedesco, sabiex fil-kolonna ta' taghrif dwar l-omm fl-att tat-twelid ta' Caterina Tedesco biex l-ewwel isem ta' ommha jigi indikat bhala "Anna" mhux "Caterina".

In sostenn ghal din it-talba r-rikorrent esebixxa Dok B, l-att tat-twelid ta' Anna Spiteri, li kienet twieldet fl-1895 u l-att taz-zwieg ta' Anna Spiteri, Dok C. Difatti jigi osservat, li f'Dok B u Dok C jidher evidentement li l-isem kien Anna Spiteri.

Ikkonsidrat li d-Direttur intimat ma oggezzjonax ghat-talba kif dedotta, ghal dak li jikkoncerna l-mertu f'din il-kawza.

*In vista* ta' dak eccepit, li m'hemmx oggezzjoni ghat-talba odjerna fil-mertu, issib li t-talba tar-rikorrenti hija gustifikata kif trid il-ligi.

Izda, taqbel ma dak eccepit mid-Direttur intimat, li ma jirrizultax li sar zball da parti tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, *stante* li dak imnizzel f'Dok A, kien gie dikjarat

hekk mid-dikjarant Giovanni Tedesco, li jidher li kkonferma l-informazzjoni permezz tal-firma tieghu fuq dan l-att.

## III. KONKLUZJONI

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta'** u **tiddeciedi** billi tilqa' t-talba tar-rikorrent u tordna li ssir id-debita korrezzjoni fl-att tat-twelid ta' Caterina Tedesco numru 4699 tas-sena 1917, fis-sens li fil-kolonna ta' taghrif Dwar l-Omm, l-isem ta' ommha ghandu jigi indikat bhala "Anna" u mhux "Caterina."

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-**artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrent.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**16 ta' Lulju 2019**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**16 ta' Lulju 2019**